MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 573/2000/1

**Gaetano Vella**

**vs**

**Amal Chiheb u d-Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fit-28 ta' Jannar 1999 il-partijiet ghaddew minn cerimonja taz-zwieg fir-Registru Pubbliku Valletta u dan skond ic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dokument "A";

Illi l-konvenuta hija cittadina Marokkina li zzewget lill-attur sempliciment ghaliex riedet tottjeni c-cittadinanza Maltija u mhux ghax riedet tidhol f'rabta taz-zwieg mieghu;

Illi dan iz-zwieg huwa vizzjat *inter alia* minhabba nuqqas ta' formalita' mehtiega ghall-validita' tieghu, minhabba li l-kunsens tal-konvenuta kien ivvizzjat b'difett serju dwar il-hajja matrimonjali jew fuq id-drittijiet jew dmirijiet essenzjali taghha, kif ukoll minhabba li l-kunsens ta' l-attur inkiseb b'qerq;

Illi ghalhekk l-attur qieghed jipprezenta din il-kawza sabiex jitlob li dan iz-zwieg iccelebrat fit-28 ta' Jannar 1999 jigi ddikjarat null u minghajr effett *ai termini* ta' l-**artikoli 18 (a) l-artikoli 19 (1) (c), (d), (e), (f) u (g) ta' l-Att ta' l-1975 dwar iz-Zwieg (Kapitlu 255)** kif sussegwentement emendata;

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara null u minghajr effett iz-zwieg li gie ccelebrat bejn il-kontendenti fit-28 ta' Jannar 1999 u dan *ai termini* ta' **l-artikoli 18 (a) u l-artikoli 19 (1) (c), (d), (e), (f) u (g) ta' l-Att ta' l-1975 dwar iz-Zwieg (Kapitlu 255)** kif sussegwentement emendata.

Bl-ispejjez filwaqt li l-konvenuta hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tad-Direttur Registru Pubbliku tal-11 t'Ottubru 2000 a fol. 10 fejn gie eccepit:-

1. Illi huwa mhux edott mill-fatti kif dikjarati fic-citazzjoni odjerna u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet u ghall-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi fi kwalunkwe kaz ic-cirkostanzi li taw lok ghall-kawza odjerna huma ghal kollox estranei ghall-konvenut li

ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez tal-istess;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tad-Direttur tar-Registru Pubbliku a fol. 11 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Novembru 2000.

Rat ir-rikors tal-attur datat 28 ta' Novembru 2000 fejn talab li n-notifika lill-konvenuta ssir *ai termini* tal-artikolu 187 (3) tal-Kap 12, u d-digriet sussegwenti tal-Qorti tal-20 ta' Dicembru 2000 fejn laqghet it-talba.

Rat estratt mill-Gazzetta tal-Gvern Nru. 17,032 tal-Gimgha 5 ta' Jannar 2001 fejn turi li saret tali pubblikazzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta tal-5 ta' Frar 2001 a fol. 17 fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament l-eccipjenti jisimha Amal Chiheb Vella, u ghalhekk hemm lok li ssir korrezzjoni.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess il-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku m'ghandux *locus standi* f'dawn il-proceduri.

**3.** Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba ta' l-attur in kwantu hija bazata fuq l-**artikolu 19 (1) (f) (Kap. 255) hija nkompatibbli ma' l-artikoli 19 (1) (c) (d) (e) u (g) (Kap. 255).**

4. Illi fil-meritu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Dwar il-formalitajiet taz-zwieg jinghad li qabel ma gie ccelebrat iz-zwieg dawn gew osservati fl-intier taghhom.

Bl-ispejjez kontra l-attur li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 18 tal-process.

Rat il-verbali tal-21 ta’ Frar 2001 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Joseph Azzopardi bhala Perit Legali biex jigbor il-provi u jirrelata; tal-20 ta’ Settembru 2001 u tal-11 ta’ Jannar 2002.

Rat ir-rikors tal-attur datat 11 ta’ Marzu 2002 fejn talab li tigi sfilzata n-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta. Rat ir-risposta tal-istess konvenuta u d-digriet sussegwenti tal-Qorti tat-8 t’Ottubru 2002 fejn cahdet it-talba.

Rat il-verbali tal-5 t’April 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema’ minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; tas-27 ta’ Gunju 2002; tat-12 ta’ Dicembru 2002; tal-25 ta’ Frar 2003 fejn il-Perit Legali Dr. Joseph Azzopardi halef ir-rapport. Il-Qorti ppreffiggiet terminu ta’ tletin (30) gurnata lill-konvenuta sabiex tipprezenta l-affidavits taghha *stante* li ma ressqitx provi quddiem il-Perit Legali.

Rat in-nota tal-konvenuta tat-12 ta’ Marzu 2003 li permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha stess.

Rat il-verbal tat-3 t’April 2003 fejn Dr. Roma D’Alessandro ghad-Direttur Registru Pubbliku rrimettiet ruhha ghad-decizjoni tal-Qorti. Il-partijiet u d-difensuri taghhom ma dehrux, u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta’ Novembru 2003.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali, is-seduti minnu mizmuma, id-dokumenti hemm esebiti u x-xhieda hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-attur **Gaetano Vella** fix-xhieda tieghu quddiem il-Perit Legali xehed hekk:-

*"Nikkonferma d-dikjarazzjoni guramentata tieghi. Izzewwigt fit-28 ta' Jannar 1999. Kont iltqajt mal-konvenuta fi Frar 1998 fuq ajruplan. Gieli cempiltilha minn Malta (hi kienet tahdem is-Sirja) u meta ltqajt maghha kienet gejja mill-Marokk u kont tlabtha n-numru tat-telefon taghha.*

*Fl-ahhar ftehemna li nitla' s-Sirja pero' qaltli li ahjar ma nitlax u mbaghad tlajt il-Marokk fejn qattajt ghaxart ijiem ghandhom. Pero' aktar kont inkun fil-kumpanija ta' huha. Fl-ahhar qaltli li kienet niezla mieghi f'Malta u kont ingbidt lejha u qaltli li riedet tizzewweg Malta. Bieghet kulma kellha u ggieldet ma' ommha. Gejna Malta u ghamilna xahrejn nghixu flimkien. Imbaghad izzewwigna. Kienet dejjem theggigni biex nizzewgu. Il-problemi bdew minn dakinhar. Bdiet tkun aggressiva mieghi u deherli li ghagglitni biex nizzewgu.*

*Jien kont ghaddej minn kors ta' 'anti depressants' (Dok "GV") u ma stajtx ikolli relazzjoni sesswali. Qatt ma kelli x'naqsam maghha minhabba f'hekk. Fejn qabel iz-zwieg ma kienet issemmi xejn, wara bdiet tghajjarni b'hekk. Bdiet anke terfa' jdejha fuqi. Qabel infridna kienet anke se tifgani darbtejn.*

*Fit-12 ta' Frar 1999 kelli nitlaq mid-dar ghax ma stajtx niflah akar u anke hedditni illi ggib lil huha biex theddidni bih. Kienet qaltli wkoll li z-zwieg taghna kien vittorja ghaliex setghet iggib ic-cittadinanza Maltija u tibqa' Malta.*

*Qed nesebixxi kopja ta' ittri li kont bghatt lill-Kummissarju tal-Pulizija (Dok. "GV1" u "GV2"). Naf li issa harget tqila minn persuna ohra".*

Illi l-attur ipproduca lil huh **Raymond Vella** bhala xhud, u dan ukoll ta' x-xhieda tieghu quddiem il-Perit Legali.

Illi l-konvenuta **Amal Chiheb Vella** tat ix-xhieda taghha permezz tal-procedura tal-affidavit fejn sostniet illi:-

*“Ghal habta tal-1997 jiena kont iltqajt mar-ragel tieghi f’Casablanca fejn kont nahdem gewwa lukanda bhala ‘receptionist’. Gaetano Vella kien gie l-Marokk fuq vakanza u peress illi huwa ma kienx jaf il-post kont dawwartu mal-pajjiz.*

*Jiena u Gaetano stajna nikkomunikaw tajjeb flimkien peress illi huwa jaf jitkellem bl-Gharbi li hija l-lingwa tieghi. Jiena kont dahhalt lil Gaetano d-dar sabiex isir jaf lil familja tieghi. Dan kont ghamiltu anke biex huwa jiehu mpressjoni tajba tieghi, u cjoe’ li kont tfajla mrobbija f’familja tajba. Din kienet uzanza komuni f’pajjizna.*

*Gaetano kien ghamel hbieb ma’ hija l-kbir Mustafa li kien jahdem bhala avukat, u meta jiena kont inkun xoghol hija kien johorgu bil-karozza.*

*Wara li Gaetano rritorna Malta ahna xorta wahda bqajna f’kuntatt u huwa kien icempilli anke tliet darbiet fil-gimgha. Ta’ spiss kien jistqarr mieghi fuq it-telefon illi huwa kien jixtieq hafna illi jizzewweg tfajla ta’ nazzjonalita’ Gharbija, u dan minhabba l-valuri li trabbejna fihom.*

*Gaetano kien sahansitra pproponieli li nizzewgu u peress illi l-familja tieghi kienet kontra z-zwieg taghna peress li huwa kien Nisrani, huwa kien gie l-Marokk biex ikellimhom. Dak iz-zmien huwa tant kien ried li jizzewwigni li sahansitra kien biedel ir-religjon tieghu u anke biddel ismu ghal wiehed Gharbi u sar jismu Ali. Dan is-sagrificcju kollu kien ghamlu biex jikkuntenta lill-familja tieghi u jkun jista’ jizzewwigni. Huwa stqarr diversi drabi li ghalija kien lest jaghmel kollox peress li qatt ma kien habb lil hadd daqs kemm habb lili.*

*Gaetano kien talab permess lil ommi biex nizzewgu peress li missieri kien mejjet. Ommi kienet halliet f’idejja biex niehu din id-decizjoni. Huti kellhom ir-rizervi taghhom dwar dan iz-zwieg peress li Gaetano ma kellux l-istess kultura taghna. Gaetano kien jghidli hafna affarijiet sbieh fuqu, fuq il-familja tieghu u fuq il-hajja f’Malta. Jiena kont hassejt li din l-ghazla tieghi biex nizzewweg lil*

*Gaetano kienet ser tbiddilli hajti ghall-ahjar u ghalhekk iddecidejt li nizzewgu.*

*Fil-Marokk stess konna ghamilna 'party' zghir ta' l-gherusija taghna. Wara nzilna lura Malta flimkien biex jiena nsir naf lill-familja tieghu.*

*Jiena u Gaetano zzewwigna fit-28 ta' Jannar 1999 u cjoe' cirka sentejn wara li sirna nafu lil xulxin. Konna ghamilna festa tat-tieg ghall-familjari kollha. Jiena kont immur tajjeb hafna mal-familja ta' Gaetano u huma kienu jqisuni bhala wahda minnhom. Qed nesebixxi xi ritratti u dokumenti dwar il-festa tat-tieg taghna sija Malta, kif ukoll fil-Marokk.*

*L-ghada tat-tieg jiena u Gaetano konna morna ghall-'honeymoon' gewwa l-lukanda Golden Sands f'Ghajn Tuftieha. Wara li ghadda l-'honeymoon', Gaetano kien insista illi jiena napplika ghac-cittadinanza Maltija u konna morna flimkien biex napplikaw. Kont anke hallast Lm17 bhala spejjez ghal din l-applikazzjoni. Gaetano kien ukoll qalli li kien ikun ahjar li jiena jkolli c-cittadinanza, anke minhabba t-tfal li seta' jkollna fil-futur.*

*Ghall-bidu konna nghixu mal-familja ta' Gaetano f'Birkirkara izda peress illi huma kellhom dar zghira u kienu hafna nies ahna ma stajniex nibqghu hemm. Ghalhekk konna krejna 'flat' gewwa l-Qawra. Nghid ukoll li meta tlaqt mill-Marokk jiena kont tlaqt ukoll ix-xoghol tieghi, li kien 'job' tajjeb u li kien tant ghal qalbi. Gaetano kien qalli li hawn Malta l-hajja bejn il-mizzewgin ghandha tinqasam bejn it-tnejn u ghalhekk huwa kien sabli xoghol bhala kaxxiera go 'supermarket'. Peress illi l-'owner' tas-'supermarket' beda jisfruttani u jhallasni ftit jiena kelli nitlaq u mort is-'Suncrest' bhala 'chambermaid'. Jiena hawnhekk ghall-bidu kont imdejqa hafna peress li jiena m'inix imdorrija f'dan it-tip ta' xoghol u barra minn hekk jiena tifla ta' l-iskola. Izda ma kellix ghazla ohra u kelli nidra.*

*Jiena u Gaetano konna thajjarna nixtru post ghalina sabiex minflok inhallsu l-kera konna ser niehdu 'loan' u nhallsu l-Bank. Konna sibna post San Pawl il-Bahar u*

*konna kellimna l-Bank biex jirrangawlna ghall-'loan'. Sahansitra konna ffirmajna l-konvenju ta' dan il-post. Konna qed nippjanaw biex flimkien nibnu familja. F'dan l-istess zmien jiena hrigt tqila bit-tifel Joseph u minhabba f'hekk kelli nitlaq mix-xoghol.*

*Meta jiena kont bi tliet xhur tqala l-karattru ta' Gaetano beda jinbidel, huwa ma baqax igibli rispett, beda jghajjarni u jghajjat mieghi ghalxejn b'xejn. Kemm hu u kemm il-membri tal-familja tieghu bdew jaghmluli hafna domandi stupidi u jwaqqghu ghac-cajt ir-religjon tieghi. Gaetano kien b'dizrispett kbir lejja anke jiekol il-majjal waqt ir-Ramadan u kien anke jisfurzani biex jiena ma nsegwix ir-Ramadan.*

*Kien hemm okkazjonijiet fejn Gaetano kien anke wasal biex jerfa' jdejh fuqi, id-darbtejn li kien sawwatni jiena kont ghamilt rapport l-Ghassa. Gaetano kien keccieni mid-dar bi hwejgi b'kollox u jiena kelli mmur ghand habibti ghal jumejn. Wara kont krejt 'flat' gewwa San Pawl il-Bahar ghax proprju ma kelli mkien fejn immur.*

*Meta bdejt nghix f'dan il-'flat' Gaetano beda jcempilli u jghidli ii huwa kien ghadu jhobbni u li kien iddispjacih ta' dak li kien ghamel u ried li ahna nergghu nirrangaw u nkomplu nghixu flimkien. Wara ftit ergajna rrangajna u bdejna nghixu go 'flat' mikri gewwa l-Isla. Ghalkemm jiena kont xtaqt hafna illi nergghu nibdew l-hajja taghna flimkien mill-gdid, anke minhabba fit-tarbija li kienet ser titwieled izda Gaetano kien inbidel u sahansitra kien qieghed taht kura ta' xi medicini, li hu kien qalli li kienu ghall-ugiegh fil-muskoli. Izda jiena kont skoprejt minn wara dahru, billi staqsejt spizjar, li dawn kienu kalmanti li jinghataw lil persuni li jkunu waqfu mill-abbuz tad-droga. Wara xi ftit gimghat Gaetano kien abbandunani u qabad u telaq mill-'flat'.*

*Wara li abbanduna lili u lit-tarbija li kienet gejja, Gaetano ghamel minn kollox biex ikeccini 'l barra minn Malta. Kien hemm xi nies illi qaluli illi Gaetano ried ikeccini barra minn Malta u jgib l-annullament sabiex huwa jkun jista'*

*jizzewweg mara Tunezina li kien beda relazzjoni maghha".*

**(ii) PRINCIPJI LEGALI.**

Illi dawn il-premessi jwasslu sabiex jinghad li l-attur qed ivanta li l-imsemmi zwieg kien null u bla effett ghat-termini tal-**artikolu 19 (1) (c) (d) (e) (f) u (g) tal-Att XXXVII tan-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.**

Illi kif inghad fil-premessi tac-citazzjoni l-attur qal li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha liema premessa qeghda tirreferi ghall-artikolu **19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi fl-istess premessi jinghad, li l-attur sostna li l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, liema premessa qeghda tirreferi ghall-artikolu **19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:-

***Artikolu 19 (1)*** *B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

*"**(d)** jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

*"**(f)** jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi din il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita` taz-zwieg *o meno* taht dawn iz-zewg sub-incizi separatament, u fl-ewwel lok, taht **l-artikolu 19(1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi **artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** jghid iIli z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi ghar-rigward tal-istess **artikolu 19 (1) (d)** mill-provi migbura jirrizulta li l-kontendenti, qabel ma zzewgu, ma kkunsidrawx bis-serjeta` l-valuri u l-principji tal-hajja mizzewga. Fil-fatt kif inghad fis-sentenza **"Emanuel Walter Vella vs Mona Lisa Vella"** (P.A. (RCP) - 1 t'Ottubru 2002 - Cit Nru 801/96/RPC) il-kuncett ta' d-diskrezzjoni ta' gudizzju *"supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess* a *critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly*.

*Psychic disorders which give rise to a defect of due discretion include immature personality, which may be characterised by affective infantilism, immature character, affective immaturity and an emotionally unstable personality. Serious immaturity could very easily constitute a ground of nullity for a marriage. In a Rotal decision of 1961* ***Sabattani*** *held that a person either has or has not sufficient discretion of judgement to marry. If he has not, then he suffers from 'aementia', not in the sense of insanity, but in the sense that he lacks the sufficient maturity of judgement to understand and choose marriage … … ... Therefore, the weakness which affects the mind can merely result from the lack of maturity … …".*

Illi ***G. Veness,*** kif ikkwotat minn ***N. Picard*** in **'L'immaturite' et le consentement matrimonial*"*** (pg. 54-55) jghid is-segwenti:-

*"The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its influence on the couple's equilibrium, the relation of behavioural disorders to the 'ius in corpus and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life."*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga` kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella-Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar, 2000); **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002); **"Ali Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002); **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002); **"Romina Zammit vs Paul Zammit"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002) u ghall-principji hemm enuncjati apparti diversi sentenzi ohrajn li inghataw sal-llum.

Illi f'dawn is-sentenzi, u fid-decizjoni **"Josette Lungaro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001) il-Qorti ghamlet referenza ghas-segwenti espozizzjoni ta' ***Viladrich*** li jghid:-

*"Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties, which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring.*

(***Viladrich, P.J.*** **“Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated”** *(Montreal, 1993) p. 686).*

Illi fis-sentenza **“Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella-Flores et noe”** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta’ Jannar 2000) il-Qorti spjegat:-

*“Kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta’ definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap 255**, dawn l-obligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma “the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics”.* (***Vidadrich, P.J***. *op. cit*., p. 687).

Illi dan l-animu tal-istess partijiet manifestat fl-azzjonijiet taghhom, huwa ghal kollox distint u differenti minn dawk li gew skond il-gurisprudenza nostrali konsiderati bhala d-drittijiet u dmirijiet u l-elementi essenzjali taz-zwieg, tant li fis-sentenza **“Mary Mustefa Al Muhamed vs Mustefa Mustefa Al Muhammed”** (P.A. (NA) 27 ta’ Lulju 1999) inghad li:-

*“Fil-kawza **“Haidin vs Haidin”** (PA. (Q.K) 7 ta’ Lulju 1994), il-Qorti qalet illi m’ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li ggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta’ l-kumplament ta’ hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita’ tieghu nnifsu*

*esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li vermament ikun irid johloq 'a partnership for life'.*

*Mill-gurisprudenza nostrana, jista' jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta' taghna. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta` u l-assistenza, l-unita` u l-indossolubbilta' taz-zwieg, il-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja w il-prokreazzjoni ta' l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta' ghajnuna u ta' assistenza lil xulxin, b'impenn shih a favur ta' xulxin u taz-zwieg taghhom l-element tal-'communio vitae'. Fil-kawza* ***"Micallef vs Micallef'*** *deciza fl-4 ta' Mejju 1993, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili enuncjat illi 'element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja ('communio vitae') bejniethom".*

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati f'diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **"Maria Rita Calleja vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri"** (P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000); **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (P.A. (RCP) 9 ta' Marzu 2000); **"Ousama Sadalah vs Doris Tanti"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000); **"Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002); **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002); **"Marco Tanti vs Catherine Azzopardi"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002); u **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002) fost ohrajn.

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** dan l-artikolu jipprovdi li hemm nullita' taz-zwieg:-

*"(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed*

*jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".*

Illi dan is-sub-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *("colorem habens, substantiam vero nullam")* kif ukoll dak parzjali *("colorem habens, substantiam vero alteram")* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frasi *"eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ppruvat il-'*finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine".*** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walsh"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A. 14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjoni fl-ismijiet **"Francesco Teuma vs Luigi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol.X p.912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero'.*

Illi fil-kawza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe', issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel mal-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002 inghad li *"wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot l-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-elementi essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubbilta' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied"*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*"consortium vitae"* tikkomprendi zewg elementi u cjoe' l-imhabba konjugali u r-responsabbilta` tal-familja. Kif qalet il-Prim' Awla tal-

Qorti Civili fid-decizjoni **“Magri vs Magri”** (14 ta’ Lulju 1994):-

*“Jekk din il-“consortium vitae” hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-“Consortium Vitae” tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilta’ tal-familja”.*

Illi fil-fatt l-element ta’ l-indissolubbilta` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta` u formazzjoni tal-familja.  Il-ligi Maltija tippresupponi *‘iuris tantum’* dan l-element ta’ ndossolubbilta’ fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, **J*. Edwards Hudson*** (pg. 164-165), jispjega car li: *“indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power”.*

Illi wkoll, ***D.J. Burns*****,** fil-kummentarju tieghu (**“Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions - A Historical Synopsis and Commentary”.** pg.151) jghid li *“it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indossolubbilta’) *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract”.*

Illi hawn ukoll il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad fis-sentenza **“Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard”** (P.A. (RCP) 15 ta’ Marzu 2000) u cjoe’:-

*“Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mil-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja huwa kapaci*

*li jaghti kunsens validu taz-zwieg, pero' fl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-omissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn waqt li l-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi hawn ta' min jirreferi ghal dak li nghad fis-sentenza **"Joseph Ferriggi vs Mary Anne Ferriggi"** (P.A. (RCP) 7 ta' Jannar 2003) u cjoe:-

*"minn dan kollu jidher li l-attur kellu fil-mument taz-zwieg tieghu mal-konvenuta difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga billi ssoggetta l-kunsens tieghu ghall-konvivenza mal-konvenuta ghall-kundizzjoni li huwa ma jkollux ulied mill-istess zwieg u dan ghalhekk iwassal sabiex din il-Qorti tikkonkludi li l-kunsens tal-attur kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga u l-elementi essenzjali taghha u wkoll li bil-kunsens tieghu huwa eskluda pozittivament wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg li huwa l-kuncett ta' prokreazzjoni ta' ulied, u hawn din il-Qorti tirreferi ghas-sentenzi **"David Mangion vs Maria Sciberras"** (P.A. (N.A.) 11 ta' Ottubru 1999); **"Imad Adel Hazory vs Gaetana Borg"** (P.A. (N.A.) 11 ta' Ottubru 1999); **"E vs F"** (P.A. (F.D.) 1 ta' Lulju 1994); **"Elizabeth Zammit nee' Consiglio vs John Zammit"** (P.A. (S.B.C.) 14 ta' Marzu 1986); **"Mary Hassanin nee' Spiteri vs Silvio Spiteri"** (P.A. (N.A.) 16 ta' Frar 2001) u **"Joseph Abdilla vs Maria Fenech"** (P.A. (N.A.) 21 ta' April 1999), u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255** ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur".*

Illi premessa ohra fic-citazzjoni attrici hija dik abbazi tal-**artikolu 19 (1) (g)** li jipprovdi li z-zwieg huwa null:-

*"(g) jekk xi wahda mill-partijiet torbot il-kunsens taghha ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur".*

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (g)** jinghad skond ***J. Edward Hudson*** *"a condition could either be suspensive or*

*resolutive. It is suspensive if it delays the entry in effect of the obligation of an act until the condition itself is fulfilled. It is resolutive if it dissolves the obligation only if it verifies itself and therefore renders it null. e.g. "I will live in marriage with you until I find someone who is more wealthy than you"* (**"Handbook II for Marriage Nullity Cases"** pg. 107).

Illi huwa mportanti li wiehed jinnota li din il-kundizzjoni tapplika biss ghall-kaz ta' annullament taz-zwieg jekk din il-kundizzjoni tirreferi ghall-avveniment fil-futur.

Illi rigward il-premessa tal-attur fejn bbaza l-azzjoni tieghu u cjoe' dik ibbazata fuq l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255,** fejn hemm allegat li l-kunsens tal-attur inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga,

Illi l-legislatur Malti llimita l-qerq *fuq "xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga"*. Din il-kawzali giet ikkonsidrata minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz **"John Borg vs Paula sive Polly Borg"** (P.A. (VDG) 22 ta' Mejju 1995 - Cit. Nru. 591/94VDG) fejn gie osservat li:-

*"kieku dak il-paragrafu 19(1)(c) gie formulat b'mod differenti, wiehed ikun jista' jghid li japplika ghaz-zwieg civili l-art. 981 tal-Kodici Civili li evidentement hu aktar wiesgha fil-portata tieghu. Il-legislatur Malti, izda, ghazel li jillimita l-qerq, bhala kawza ta' nullita' ta' zwieg, ghall-qerq dwar dawk il-kwalitajiet, oggettivament gravi, li jincidu fuq l-essenza, il-proprjetajiet u l-ghanijiet taz-zwieg".*

Illi fil-kawza **"Michelle El Hossayes vs Pauline Mintoff"** (P.A. (RCP) – 20 ta' Marzu 2003) inghad li *"The object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious disturbance in the partnership of conjugal life; with this formula, the legislator intends that the quality must be objectively grave and establishes the partneship of conjugal life as an objective point of reference for the gravity of the quality so that the qualities are related to the essence, proeprties*

*and ends of marriage. Therefore, those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjugal partnership are irrelevant and, in this sense, they are merely arbitrary or trivial”*. (***Viladrich P.J. Matrimonial Consent. Code of Canon Law Annot. -*** *Caparros, E. et al. ed)1993, Wilson and Lafleur , Montreal).*

Illi l-Qrati taghna dejjem sostnew li z-zwieg ikun null skond dan is-sub-artikolu jekk wahda mill-partijiet taghti l-kunsens taghha ghax tkun giet imqarrqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi haddiehor dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra (**“Fattah xebba Perry vs Dr.A. Mifsud et”** (P.A. 22 ta’ Novembru 1982). Skond il-gurisprudenza fuq citata, element importanti ta’ dan is-sub-artikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li fixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (e),** dan jikkontempla illi:-

*“jekk xi wahda mill-partijiet jkun impotenti, sew jekk dik l-impotenza tkun assoluta jew relattiva, izda biss jekk dik l-impotenza tkun tezisti qabel iz-zwieg”.*

Illi wahda mill-elementi essenzjali fiz-zwieg huwa li jkun hemm relazzjonijiet intimi bejn il-koppja mmirati ghal prokreazzjoni tat-tfal. Jekk jonqos dan l-element, ghalhekk il-ligi taz-zwieg tikkontempla li dan ghandu jwassal ghal annullament taz-zwieg, pero’ biss jekk jigu sodisfatti d-diversi kundizzjonijiet specifikati fil-ligi.

Illi l-ligi Taljana qabel ma giet emendata kienet tipprovdi fuq dan il-punt is-segwenti:-

*“Solo in presenza di due personalita’ di grandissimo rilievo tale fusione potrebbe essere raggiuna prescindendo dal rapporto sesswale. L’impossibilita’ della sua realizazzione importa, di regola, l’insorgere di tensioni, senz’altro contrarie all’ordinato svolgimento della convivenza e che nel migliore dei casi, danno luogo all’esistenza di un matrimonio di mera facciata.”* (***Finocchiaro***, **Enciclopedia Del Diritto , Vol.XXV**, p.814).

Illi l-ligi nostrana ppreferiet taddotta l-kuncett ta' mpotenza bhala raguni ghal annullament taz-zwieg skond id-duttrina tradizzjonali taz-zwieg, u cjoe' li l-att sesswali huwa wiehed mill-elementi essenzjali fiz-zwieg u dan kuntrarjament ghall-kuncett applikat fil-ligi Franciza u l-ligi Taljana li segwew id-duttrina li l-att sesswali mmirat ghall-prokreazzjoni tat-tfal mhux element essenzjali, izda huwa wiehed mill-elementi socjali li jgib mieghu z-zwieg.

Illi ma tezistix definizzjoni precisa tal-kelma *"impotenza"*, izda l-ligi Kanonika, kif ukoll civilisti maghrufa jiddistingwu bejn *"impotenza coeundi"* u *"impotenza generandi"*. ***Dr. Richard Galea Debono*** fit-tezi tieghu **"A Review of the Marriage Act, 1975 and its Implications"** jiddefinixxi din id-distinzjoni fis-segwenti mod:-

*"The former referring to that part of the sexual act which depends on the active participation of the parties and referring to the stages of intromission and insemination; and the latter, which is often referred to as sterility, involving the internal and involuntary (i.e not under the will's control) biological processes which might lead to pregnancy.*

*The purpose behind this distinction was to limit the purport of impotence to impotentia coeundi and to debar the declaration of nullity of a marriage where the party affected was not impotent, but merely sterile. Thus it is possible for the female spouse to be potent i.e capable of copulation, but sterile owing to lack of ovulation".*

Illi b'danakollu, l-**Att Dwar iz-Zwigijiet** ma jiddistingwix bejn *impotentia coeundi* u *impotentia generandi.* B'referenza ghal **artikolu 19 fl-Att Dwar iz-Zwigijiet** qabel ma saru l-emendi fl-1981, kien hemm dispozizzjoni *ad hoc* li kienet tirregola l-*impotentia generandi* u cjoe' l-isterilita'. Pero' din id-dispozizzjoni m'ghadhiex tezisti u ghalhekk wiehed jista' jinterpreta l-**artikolu 19 (1) (e)** fis-sens li tillimita ruhha ghal *impotentia coeundi.*

Illi l-impotenza kif ikkontemplata fl-**artikolu 19 (1) (e)** trid tkun assoluta jew relattiva. L-impotenza hija assoluta

meta l-impotenza tal-parti hija relatata ma’ kwalunkwe persuna. Hija relattiva meta l-impotenza tezisti biss fil-konfront ta’ parti l-ohra.

Illi l-impotenza trid ukoll tezisti qabel iz-zwieg. F’dan il-kuntest gie stabbilit li huwa bizzejjed jekk l-impotenza tezisti mal-ewwel relazzjoni intima bejn il-partijiet. M’huwiex rikjest li jigi ppruvat li l-parti kienet impotenti fir-relazzjonijiet sesswali tieghu qabel iz-zwieg.

**(iii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi mix-xhieda taz-zewg partijiet jidher li hemm konfliggenza bejn il-verzjonijiet taghhom ghaliex waqt li l-attur qed isostni li dan kien zwieg ta’ konvenjenza, il-konvenuta min-naha l-ohra qed tichad dan u qed tghid li dan kien zwieg normali fejn pero’ l-attur tratta lill-konvenuta hazin, u sahansitra anke refa’ jdejh fuqha. Il-partijiet rispettivament jakkuzaw lill-parti l-ohra li ghandha relazzjoni ma’ haddiehor, u wkoll jippuntaw rispettivament lejn il-parti l-ohra li kecciet lill-ohra ’l barra.

Illi pero’ din il-Qorti ma tistax ma tinnotax li fil-verzjoni tal-attur, il-partijiet izzewgu civilment fit-28 ta’ Jannar 1999 u fit-12 ta’ Frar 1999 l-attur telaq mill-istess dar. Dan ifisser li l-konvivenza bejn il-partijiet damet biss xi gimaghtejn bhala suppost mizzewgin. Dan huwa ta’ rilevanza massima *stante* li jidher li l-kuncett ta’ permanenza f’unjoni ta’ din in-natura kien ghal kollox estraneu bejn il-partijiet u jidher car mill-ftit provi li l-partijiet ressqu ghal dan il-kaz, li kemm wiehed u kemm l-ohra ma kellhomx id-diskrezzjoni necessarja fil-kunsens taghhom sabiex jaghtu l-kunsens taghhom validament ghall-istess zwieg.

Illi f’dan il-kaz hemm konflitti wkoll kif sehh dan iz-zwieg, anke fil-kuntest ta’ kemm damu l-partijiet jikkomunikaw ma’ xulxin qabel ma zzewgu. Jidher li kien hemm gja’ diffikultajiet mal-familji rispettivi taghhom *stante* li l-istess kienu gejjien minn kultura u religjon differenti, tant li l-genituri tal-konvenuta, almenu skond il-konvenuta kienu oggezzjonaw ghal tali rabta minhabba proprju l-istess religjon tal-attur. Is-sabiha hija f’dan il-kaz li l-partijiet

ghexu flimkien qabel iz-zwieg taghhom u meta ddecidew li jizzewgu ma segwew l-ebda wahda mir-religjonijiet li rispettivament kienu jhaddnu, u tenut kont tal-importanza li jidher li l-konvenuta tat ghal dan il-punt, jidher li l-partijiet ma dahlux f'dan iz-zwieg bil-*commitment* necessarju sabiex il-kunsens taghhom irendi l-istess zwieg validu f'ghajnejn il-ligi.

Illi dwar dan kollu, anke fuq iz-zmien li l-partijiet damu effettivament jghixu flimkien ma jidhirx li l-konvenuta qalet xejn, pero' certament tali zmien ultra qasir jindika b'mod car li l-partijiet ma kellhomx il-kapacita' diskrezzjonali qabel l-istess zwieg li jifhmu x'inhu l-kuncett li wiehed jew wahda jaghti ruhu ghas-sieheb u siehba tieghu ghal dejjem.  Anzi fl-opinjoni ta' din il-Qorti tali kuncett kien ferm il-boghod mill-konxju tal-partijiet rispettivi.

Illi fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti thoss li bazikament gie ppruvat mill-verzjoni moghtija miz-zewg partijiet li hemm kaz car ta' annullament taz-zwieg abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** u l-Qorti tinnota li l-inkwiet tal-partijiet sbroffa mill-ewwel fi ftit jiem wara c-ceremonja civili ta' dan is-suppost zwieg, b'mod ghal kollox rreparabbli, li jaghti wkol aditu ghall-verzjoni tal-attur li tali zwieg kien ukoll zwieg ta' konvenjenza, kif ix-xhieda tal-istess attur tindika bl-aktar mod palez.

Illi ghal dak li jirrigwarda x-xhieda tal-konvenuta din uriet ukoll li l-attur ma kellhu l-ebda sentiment lejn l-istess konvenuta, altrimenti fi zmien daqshekk qasir ma kienitx tigi suggetta ghal tali allegat maltrattament li qatt ma jista' jkun skuzabbli specjalment f'kazi ta' vjolenza domestika hemm deskritta.  Pero' dan kollu huwa naxxenti mill-fatt li jidher li l-partijiet kienu jafu li dan ma kienx zwieg li huma dahlu ghalih b'serjeta', izda ghal xi raguni jew ohra kien konvenjenti ghat-tnejn u mhux biss ghall-konvenuta, ghalkemm wiehed irid izid jghid li l-attur kien ukoll qed isofri minn problemi psikologici u fil-fatt kien qed jigi trattat ghalihom u dan kollu jikkonferma n-nuqqas ta' kunsens effettiv moghti minnu f'din l-okkazjoni.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li dan iz-zwieg, ghandu jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tastjenti milli tiehu konjizzjoni tac-citazzjoni attrici fil-konfront tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku in vista tac-cessjoni tat-talbiet attrici fil-konfront tal-istess skond kif verbalizzat fis-seduta tal-21 ta' Frar 2001, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara null u minghajr effett iz-zwieg li gie celebrat bejn il-kontendenti fit-28 ta' Jannar 1999 u dan skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez kollha tal-kawza jinqasmu bin-nofs bejn l-attur u l-konvenuta.
**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------